



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10063/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0115(NLE)

TRANS 240

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-16-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) rigward ir-reviżjoni tal-Preskrizzjoni Teknika Uniformi applikabbli għas-subsistema "vetturi ferrovjarji – vaguni tal-merkanzija, għas-subsistema "vetturi ferrovjarji – storbju, għall-kompożizzjoni tal-ferroviji u għall-kontrolli tal-kompatibbiltà tar-rotot, kif ukoll għas-subsistema Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fis-16-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi
tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF)
rigward ir-reviżjoni tal-Preskrizzjoni Teknika Uniformi
applikabbli għas-subsistema “vetturi ferrovjarji – vaguni tal-merkanzija”,
għas-subsistema “vetturi ferrovjarji – storbju”, għall-kompożizzjoni tal-ferroviji
u għall-kontrolli tal-kompatibbiltà tar-rotot,
kif ukoll għas-subsistema Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni ssiehbiet fil-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata bil-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (il-“COTIF”), permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE¹ u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni COTIF².
- (2) Skont l-Artikolu 13(1)(f) tal-COTIF, għe stabbilit il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (“CTE”) tal-OTIF.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1)(b) tal-COTIF, u f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regoli Uniformi li jirrigwardaw il-Validazzjoni ta' Standards Tekniċi u l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għall-Materjal tal-Ferroviji bl-intenzjoni li jintużaw mit-Traffiku Internazzjonali (APTU) - l-Appendiċi F tal-COTIF, is-CTE għandu l-kompetenza li jadotta jew jemenda, inter alia, il-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi (UTP) li jirrigwardaw is-subsistema “Vetturi ferrovjarji – Vaguni tal-Merkanzija” (UTP WAG), li jirrigwardaw is-subsistema “Vetturi ferrovjarji — Storbju” (UTP Noise), li jirrigwardaw il-kompożizzjoni tal-ferroviji u l-kontrolli tal-kompatibbiltà tar-rotot (UTP TCRC), u li jirrigwardaw l-applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija (UTP TAF).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2013/103\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2013/103(1)/oj)).

² Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 8, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2013/103\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2013/103(1)/oj)).

- (4) Fl-aġenda tas-16-il sessjoni tiegħu, li se ssir fil-11 u fit-12 ta' Ġunju 2024, is-CTE inkluda proposta għal deċiżjonijiet biex jiġu riveduti l-UTP WAG, l-UTP Noise, u l-UTP TCRC, u biex jiġi modifikat l-Appendiċi I tal-UTP TAF.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CTE, billi d-deċiżjonijiet proposti se jkunu vinkolanti għall-Unjoni skont l-Artikolu 6(1) tal-APTU u l-Artikolu 35 (3) u (4) tal-COTIF.
- (6) L-oġġettivi ta' daww id-deċiżjonijiet huma li jallinjaw l-UTP WAG, l-UTP Noise, u l-UTP TCRC mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1694³, u li jallinjaw ir-referenzi għad-Dokumenti Tekniċi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà dwar l-applikazzjonijiet telematiċi għall-merkanzija (TAF TSI) elenkati fl-Appendiċi I tal-UTP TAF.
- (7) Id-deċiżjonijiet previsti tal-OTIF huma f'konformità mad-dritt u mal-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-OTIF mad-dispożizzjonijiet ekwivalenti mal-liġi tal-Unjoni, u għalhekk jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1694 tal-10 ta' Awwissu 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1299/2014, (UE) Nru 1300/2014, (UE) Nru 1301/2014, (UE) Nru 1302/2014, (UE) Nru 1304/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/777 (ĠU L 222, 8.9.2023, p. 88, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1694/oj).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-16-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (CTE) tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) rigward ir-reviżjoni tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi (UTP) rigward is-subsistema “Vetturi ferrovjarji – Vaguni tal-Merkanzija” (UTP WAG), rigward is-subsistema “Vetturi ferrovjarji – Storbju” (UTP Noise), rigward il-kompożizzjoni tal-ferroviji u l-kontrolli tal-kompatibbiltà tar-rotot (UTP TCRC), u rigward l-aġġornament tar-referenzi għad-Dokumenti Tekniċi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà dwar l-applikazzjonijiet telematiċi għall-merkanzija (TAF TSI) elenkati fl-Appendiċi I tal-UTP relatati mal-applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija (UTP TAF) għandha tkun kif ġej:

(1) li tivvota favur ir-reviżjoni proposta mis-CTE tal-UTP WAG, (id-Dokument ta' Ħidma TECH-24003 UTP WAG), u soġġett għall-emendi li ġejjin:

(a) fil-punt 0.3,

- issostitwixxi it-titolu bi “Vetturi xierqa għaċ-ċirkolazzjoni libera u vetturi interkambjabbli”;
- fit-tielet paragrafu, it-tieni inċiż, issostitwixxi it-test bi:

“Vettura interkambjabbli” tfisser vettura li tissodisfa r-rekwiżiti għaċ-ċirkolazzjoni libera u li, barra minn hekk, tkun mġhammra b'interfaċċji standardizzati bejn il-vetturi, li jippermettu li l-vettura tiġi integrata f'kompożizzjoni ta' ferrovija flimkien ma' vetturi oħra interkambjabbli. Il-vaguni li jissodisfaw dawn il-kriterji jistgħu jiġu mmarkati ‘GE’ jew ‘CW’, flimkien mal-immarkar ‘TEN’.”

- fir-raba' paragrafu, il-punt 3, issostitwixxi “tħaddim ġenerali” bi “vetturi interkambjabbli”;

- (b) fil-punt 4.2.1 “Ġenerali”, opponi t-tħassir propost tat-test li ġej:

“Meta l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi li huma meħtieġa sabiex tinkiseb l-interoperabbiltà u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali, ma jkunux ġew żviluppati fir-rigward ta' aspeċt tekniku partikolari, dan l-aspeċt jiġi identifikat bħala punt miftuħ fil-punt rilevanti. Kif meħtieġ fl-Artikolu 8 § 7 tal-APTU u l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ il-punti miftuħa kollha huma elenkati fl-Appendiċi A”;

- (c) fil-punt 4.2.3.5.3.4 “Il-funzjoni ta' detezzjoni u ta' attwazzjoni tal-ħruġ 'il barra mil-linji (DDAF)”, it-tielet paragrafu, issostitwixxi “Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 402/2013” bi “UTP GEN-G”;

- (d) fil-punt 6.1.2.1. “Tagħmir tas-sewqan”, ir-raba' paragrafu, issostitwixxi “Jekk il-vettura ma tilħaqx it-tagħbija minima fuq il-fus tagħha f'kundizzjoni tara, il-kundizzjonijiet għall-użu tal-vettura għandhom jeħtieġu” bi “Jekk il-massa tal-vettura ma tippermettilhiex tilħaq it-tagħbija minima fuq il-fus tagħha f'kundizzjoni tara, il-kundizzjonijiet għall-użu tal-vettura jistgħu jeħtieġu”;

- (2) li tivvota favur ir-reviżjoni proposta mis-CTE għall-UTP Noise, (id-Dokument ta' Ħidma TECH-24004 UTP Noise);
- (3) li tivvota favur ir-reviżjoni proposta mis-CTE għall-UTP TCRC, (id-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-24005 UTP TCRC);

⁴ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138 26.5.2016, p. 44).

- (4) li tivvota favur il-proposta tas-CTE biex jiġu aġġornati r-referenzi għad-Dokumenti Tekniċi tat-TAF TSI elenkati fl-Appendiċi I tal-UTP TAF, (id-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-24005 UTP TAF);
- (5) jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar fl-atti stabbiliti f'dan l-Artikolu mill-Kummissjoni, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Ladarba jiġu adottati, id-deċiżjonijiet tal-CTE għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, filwaqt li tiġi indikata d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,...

Għall-Kunsill

Il-President
